**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT9/21/B

Brenda Debattista
Vs
St. Thomas Hospital

Illum 27 t'Awwissu, 2021

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenta pprezentat fil-20 ta' Jannar, 2021 li permezz tieghu talab rifuzjoni tal-prezz imhallas fl-ammont ta' mija u erbghin Euro (€140) rapprezentanti prezz ta' COVID 19 *swab test*;

Ra illi s-socjeta' intimata intavolat ir-risposta taghha bil-miktub ghal din it-talba u attendiet ghas-seduti quddiem it-Tribunal fejn xehdet in linea mal-prova mmarkatha bhala Dok STH1, fejn wiehed jista jara bic-car li malli r-rikorrenti staqsiet biex tibbukja appuntament ghal *swab test,* is-socjeta intimata mill-ewwel infurmatha li ghalkemm generalment ir-rizultati johorgu bejn 24 u 48 siegha, huwa possibli li jkun hemm xi dewmien;

Ra l-Atti tal-process;

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Brenda Debattista, illi tibda din ix-xhieda billi tipprezenta dokument li jikkonsisti f'diversi messaggi bejn ir-rikorrenti u s-socjeta' intimata fejn jidher li fis-6 ta' Settembru, 2020 staqsiet biex tibbukja swab test ghand is-socjeta intimata', liema appuntament gie kkonfermat ghall-ghada, is-7 ta Settembru fis-7:30am. Ir-rikorrenti tghid kif peress li kien ghadda z-zmien stipulat sakemm kellu johrog ir-rizultat, hija ghamlet kuntatt mas-socjeta' intimata biex tistaqsi dwar id-dewmien fit-tali rizultat. Hija giet nfurmatha li ir-rizultat johrog wara 24 sa 48 siegha wara t-test, minkejja dan, huwa possibili li jkun hemm xi dewmien li jaqaw barra r-responsabbilita' tal-istess socjeta intimata. Ir-rikorrenti tkompli tishaqq li minkejja li pruvat tikkomunika mas-socjeta' intimata diversi drabi, hija ma nghatat l-ebda risposta rigward ir-rizultat, ghall-oppost qalulha li tali dewmien mhuwiex normali. Hija tghid kif filfatt ir-rizultat hareg fid-9 ta' Settembru, 2020 f' 12:34pm u meta pruvat tindaga ghaliex kien hemm tali dewmien, hija ma nghatatx risposta. Hija tishaqq ukoll li tali rizultat hareg wara test iehor li ghamlet mas-servizz pubbliku fit-8 ta' Settembru, 2020, liema rizultat hareg fid-9 ta' Settembru f'12:12pm. Minbarra hekk, ir-rikorrenti tkompli billi tishaqq li peress li hija ghandha l-genituri vulnerabbli, kien jehtieg li jkollha r-rizultat kemm jista jkun malajr u kien ghalhekk li hija rrikorriet ghal sptar privat. Ghaldaqstant hija tghid illi peress tali rizultat ma harigx fiz-zmien stipulat, huwa bix-xieraq li tali socjeta' intimata tiehu r-responsabilta. Minkejja dan, it-talba

tar-rikorrenti giet michuda mis-socjeta intimata' ghall-fatt li ir-rifuzjoni ghat-tali test intalbet biss meta l-istess test kien diga processat u mhallat. Hija taghlaq din ix-xhieda billi tesprimi dizappunt minhabba li s-socjeta' intimata damet diversi granet qabel ma rrispondiet ghall-email tal-istess rikorrenti rigward ir-rifuzjoni u tghid li kienet is-socjeta' intimata stess li ghamlet apologija u offriet 10% discount fuq testijiet tad-demm li skond ir-rikorrenti, m' ghandha l-ebda uzu ghalihom.

Semgha x-xhieda tas-socjeta intimata St Thomas Hospital, raprezentatha minn Angelle Falzon, fejn tibda x-xhieda taghha billi tikkonferma li l-appuntament ghall-*iswab test* tar-rikorrenti, sar permezz ta' messagg fuq Facebook. Hija tishaqq li r-rikorrenti kienet infurmatha li r-rizultat jiehu bejn 24 u 48 siegha biex johrog. Barra minn hekk, hija tkompli billi tghid li, s-socjeta' intimata ghamlet cert li r-rikorrenti jkollha l-informazzjoni kollha qabel taghmel l-appuntament u ghalhekk fl-istess messagg, li tghid li jifforma parti minn Dok STH1, kien hemm miktub ukoll li huwa possibli li jkun hemm xi dewmien fil-hrug tar-rizultat. Hija tkompli billi tghid li ghalkemm normalment tali dewmien ma jsehhx, is-socjeta intimata tiehu hsieb li tinforma b'dan id-dewmien possibli biex tilqa ghal xi eccezzjonijiet li jistghu jinqalghu. L-intimata tkompli billi tesebixxi Dok STH2 u tghid li tali dokument jikkonferma li fl-istess 7 ta' Settembru, 2020, id-data tat-test tar-rikorrenti, kien hemm domanda kbira ghall-istess test u ghalhekk il-haddiema tal-laboratorju kellhom ilahhqu mat-tali domanda. Hija tghid li r-rizultat tar-rikorrenti skarra l-48 siegha b'5 sighat u 4 minuti u liema possibilita ta' dewmien kienet infurmatha bih mill-bidu nett. L-intimata tishaqq li s-socjeta' intimata kontinwament kompliet tinforma lir-rikorrenti bid-domanda sostanzjali ta' testijiet u ghalhekk dan jispjega l-istess dewmien. Fl-ahharnett l-intimata taghlaq ix-xhieda taghha billi tghid illi hija kienet nfurmat lir-rikorrenta li setghet facilment kkancellat it-test qabel hareg ir-rizultat u kien biss ghaliex ir-rifuzjoni ntalbet wara li hareg ir-rizultat li l-istess rifuzjoni giet michuda mis-socjeta' intimata.

Semgha ir-ri-ezami tar-rikorrenti Brenda Debattista fejn tirreferi gal Dok A u tghid li s-socjeta' intimata ma kinitx taf ir-raguni ghad-dewmien lamentat peress li f'wiehed mill-messagi, is-socjeta' intimata tghid lir-rikorrenti 'very unusual' u 'it is still unknown to ask why it is taking so long'.

Semgha ir-ri-ezami tas-socjeta' intimata fejn l-intimata tikkonferma li kienet issocjeta' intimata li baghetet l-istess messagg hekk imqajjem ir-rikorrenti u tghid li tali messagg intbaghat waqt li s-socjeta' intimata kienet qed tipprova taghmel komunikazzjoni mal-laboratorju biex tindaga rigward tali dewmien fir-rizultat tar-rikorrenti. Hija tishaqq li kien wara l-messagg imsemmi li saru jafu bir-raguni wara dan id-dewmien.

Ikkunsidra:

Illi nhar is-6 ta' Settembru, 2020, ir-rikorrenti ghamlet appuntament mas-socjeta' intimata ghal *swab test* ghall-ghada, is-7 ta' Settembru, 2020 fis-7:30am permezz ta Facebook messenger u liema test kien jammonta ghal mija u erbghin Euro (€140);

Illi r-rikorrenta kienet infurmatha mill-bidu nett, qabel ma kkonfermat tali appuntament, li ghalkemm ir-rizultat tat-test generalment johrog bejn 24 u 48 siegha, huwa possibli li jkun hemm xi dewmien biex tircievi l-istess rizultat u liema dewmien is-socjeta' intimata mhijiex responsabbli ghalih;

Illi minkejja li giet avzatha bil-possibilita' ta' dewmien, r-rikorrenti ghazlet li tikkonferma l-appuntament mghoti lilha;

Illi fil-gurnata tat-*test* tar-rikorrenti kien hemm domanda kbira ghall-istess test bhalma juri bic-car DoK STH2, u ghalhekk dan jispjega d-dewmien esperjenzat mir-rikorrenti;

Illi ghalkemm l-istess rikorrenti setghet facilment ikkancellat dan it-test qabel ma hareg ir-rizultat, anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li r-rizultat tat-test li r-rikorrenti ghamlet mas-servizz pubbliku kien diga hareg, hija ghazlet li ma taghmilx dan;

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha l-istess talba ghandha tigi michuda.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jichad t-talba tar-rikorrenti, b'kull parti tkun obligat thallas ghall-ispejjez minnha inkorsi f'dawn il-proceduri.

Avv. Paul Borg
Arbitru